2026/2311

20.10.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/2311

tad-19 ta' Ottubru 2026

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1524 ([2]), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazji anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Id-dazji anti-dumping fis-seħħ bħalissa huma b'rata ta' 15,8 %.

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika tal-iskadenza imminenti ([3]), il-Kummissjoni rċeviet talba għal rieżami skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(4) It-talba għal rieżami ġiet ippreżentata fis-16 ta' Lulju 2025 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Karta Termali ("ETPA", European Thermal Paper Association) u l-membri tagħha ("l-applikanti") f'isem l-industrija tal-Unjoni ta' ċerta karta termali tqila fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. It-talba għal rieżami kienet ibbażata fuq il-fatt li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u għal rikorrenza ta' dannu għall-industrija tal-Unjoni.

1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(5) Wara li ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku, li kienet teżisti biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fis-17 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni bdiet rieżami ta' skadenza dwar l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea ("il-pajjiż ikkonċernat") fuq il-bażi tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([4]) ("in-Notifika tal-Bidu").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1524 tad-19 ta' Ottubru 2020 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li joriġinaw mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 346, 20.10.2020, p. 19, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1524/oj.
([3]) ĠU C, C/2025/680, 3.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/680/oj.
([4]) In-Notifika tal-bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea (ĠU C, C/2025/5537, 17.10.2025, http://data.europa.eu/eli/C/2025/5537/oj).

1.4. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu kkunsidrat**

(6) L-investigazzjoni ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kopriet il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2024 sat-30 ta' Ġunju 2025 ("perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2022 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu kkunsidrat").

1.5. **Partijiet interessati**

(7) Fin-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lill-applikanti, lill-produttur magħruf fir-Repubblika tal-Korea u lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea, lill-importaturi, lill-utenti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma kkonċernati, dwar il-bidu tal-iskadenza u stednithom jipparteċipaw.

(8) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità jikkummentaw dwar il-bidu tar-rieżami ta' skadenza u jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti relatati mal-kummerċ.

1.6. **Kampjunar**

(9) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li hija tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni

(10) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet għażlet b'mod proviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum rappreżentattiv tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili fl-Unjoni bejn l-1 ta' Lulju 2024 u t-30 ta' Ġunju 2025. Dan il-kampjun kien jikkonsisti minn tliet produtturi tal-Unjoni f'żewġ Stati Membri differenti. Meta titqies id-data disponibbli fl-istadju tal-bidu, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodott simili u aktar minn 70 % tal-bejgħ tal-prodott simili mill-produtturi tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar il-kampjun proviżorju. Ma wasal l-ebda kumment. Il-kampjun ġie kkonfermat fit-30 ta' Ottubru 2025. Il-kampjun huwa rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tat struzzjonijiet lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun biex iwieġbu l-kwestjonarju li kien tqiegħed għad-dispożizzjoni online ([5]) fil-jum tal-bidu.

Kampjunar tal-importaturi

(11) Biex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni staqsiet lil importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(12) L-ebda importatur mhux relatat ma pprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju.

Kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-Repubblika tal-Korea

(13) Biex tiddeċiedi jekk it-teħid ta' kampjuni kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-Repubblika tal-Korea biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Korea għall-Unjoni Ewropea tidentifika u/jew tagħmel kuntatt ma' produtturi esportaturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(14) L-ebda produttur esportatur fil-pajjiż ikkonċernat ma pprovda l-informazzjoni mitluba u qabel li jiġi inkluż fil-kampjun. Konsegwentement, il-Kummissjoni ddeċidiet li l-kampjunar ma kienx neċessarju. L-ebda produttur fir-Repubblika tal-Korea ma kkoopera fl-investigazzjoni.

([5]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2816.

1.7. **Tweġibiet għall-kwestjonarju**

(15) Fil-jum tal-bidu tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni għamlet disponibbli fuq is-sit web tagħha ([6]) kwestjonarji għall-produtturi esportaturi, għall-produtturi tal-Unjoni, għall-importaturi mhux relatati fl-Unjoni u għall-utenti fl-Unjoni. Il-Kummissjoni talbet lill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun biex jimlew il-kwestjonarju maħsub għalihom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-ETPA li fih talbet makrodata dwar l-industrija tal-Unjoni.

(16) Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun u mill-ETPA.

1.8. **Verifika**

(17) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza tad-dumping u tad-dannu u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:Produtturi tal-Unjoni:

— Jujo Thermal Oy, Kauttua, il-Finlandja;

— Kanzan Spezialpapiere GmbH, Düren, il-Ġermanja;

— Koehler Paper SE, Oberkirch, il-Ġermanja.

(18) It-tweġiba għall-kwestjonarju dwar il-makrodata ppreżentata f'isem l-industrija tal-Unjoni ġiet ivverifikata fil-bini tar-rappreżentant legali tagħha fi Brussell.

1.9. **Proċedura sussegwenti**

(19) Fit-30 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha żżomm id-dazji anti-dumping fis-seħħ ("divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(20) Waslu xi kummenti mingħand l-applikanti. L-ebda parti interessata oħra ma għamlet kummenti għad-divulgazzjoni finali.

(21) Il-kummenti li għamlu l-applikanti ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u ġew meqjusa, fejn xieraq. Il-partijiet li talbu dan ingħataw seduta ta' smigħ.

1.10. **Preżentazzjoni tad-data**

(22) Uħud miċ-ċifri ppreżentati hawn taħt huma fil-forma ta' firxiet sabiex tiġi evitata d-divulgazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali minħabba l-għadd limitat ta' partijiet li jipprovdu tali informazzjoni.

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(23) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri ċerta karta termali tqila, definita bħala karta termali li tiżen aktar minn 65 g/m²; li tinbiegħ f'rombli b'wisa' ta' 20 cm jew aktar, li tiżen 50 kg jew aktar (inkluż l-karta) u b'dijametru ta' 40 cm jew aktar (rombli jumbo); b'kisja fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat jew mingħajr kisja; miksija b'sustanza termosensittiva (jiġifieri taħlita ta' kolorant u żviluppatur li tirreaġixxi u tifforma immaġni meta tiġi applikata s-sħana) fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat; u b'kisja ta' fuq jew mingħajrha ("il-prodott taħt rieżami").

([6]) https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2816.

(24) Il-karta termali tqila hija karta ta' speċjalità. Għandha kisja attiva termali li tirreaġixxi biex tifforma immaġni meta s-sħana tiġi applikata minn stampaturi b'printheads termali. Il-karta termali tqila tintuża prinċipalment għal tikketti awtoadeżivi għall-imballaġġ, iżda wkoll għall-biljetti u t-tikketti.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(25) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina fir-Repubblika tal-Korea li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 4809 90 00, ex 4811 59 00 u ex 4811 90 00 (kodiċijiet TARIC 4809 90 00 20, 4811 59 00 20 u 4811 90 00 20).

2.3. **Prodott simili**

(26) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Korea;

— il-prodott taħt rieżami manifatturat u mibjugħ mill-produtturi esportaturi lill-bqija tad-dinja; kif ukoll

— il-prodott taħt rieżami manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(27) Għalhekk, dawn il-prodotti jitqiesu li huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **DUMPING**

3.1. **Kummenti preliminari**

(28) Matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-importazzjonijiet ta' karta termali tqila mir-Repubblika tal-Korea komplew, għalkemm f'livelli aktar baxxi milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali (jiġifieri mill-1 ta' Lulju 2018 sat-30 ta' Ġunju 2019). Skont it-Tabella 2 hawn taħt, varjaw l-importazzjonijiet tal-karta termali tqila mir-Repubblika tal-Korea. Dawn l-importazzjonijiet kienu jammontaw għal 2,5 % tas-suq tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mqabbla ma' sehem mis-suq ta' 10 – 11 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali. F'termini assoluti, l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea kienu jammontaw għal 18 500 – 20 500 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, filwaqt li tali importazzjonijiet kienu 2 036 tunnellata fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami f'din l-investigazzjoni. F'termini relattivi, il-volum tal-esportazzjonijiet tal-Unjoni naqas bi 80 %, u f'termini assoluti, it-tnaqqis kien jammonta għal mill-inqas 16 464 tunnellata.

(29) Kif imsemmi fil-premessa (14), l-ebda esportatur/produttur mir-Repubblika tal-Korea ma kkoopera fl-investigazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Korea li, minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni se tapplika l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku dwar is-sejbiet fir-rigward tar-Repubblika tal-Korea. Il-Missjoni tar-Repubblika tal-Korea għall-Unjoni Ewropea ġiet mistiedna tikkummenta dwar din il-kwistjoni mhux aktar tard mill-14 ta' Novembru 2025. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment.

(30) Konsegwentement, f'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari siti web uffiċjali ta' kumpaniji, l-informazzjoni disponibbli pubblikament, bħal siti web uffiċjali ta' kumpaniji, l-informazzjoni fit-talba għal rieżami u l-informazzjoni miksuba mill-applikanti matul l-investigazzjoni ta' rieżami. Fin-nuqqas ta' listi tal-prezzijiet ippubblikati jew kooperazzjoni minn partijiet interessati għajr l-applikanti matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kontroverifikat l-informazzjoni rilevanti fl-ilment mal-istatistika uffiċjali tal-importazzjoni u s-sit web tal-produttur esportatur Korean ewlieni magħruf.

3.2. **Kontinwazzjoni tad-dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

3.2.1. *Valur normali*

(31) Kif imsemmi fil-premessa hawn fuq, fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produttur esportaturi fir-Repubblika tal-Korea, il-Kummissjoni użat il-fatti disponibbli biex tistabbilixxi l-valur normali. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha fuq id-data pprovduta mill-applikanti fit-talba kif aġġornata sussegwentement. Din id-data kienet valur normali maħdum għall-perjodu minn Lulju 2024 sa Ġunju 2025 ibbażat fuq stima tal-kost tal-fatturi rilevanti tal-produzzjoni tal-prodott simili fir-Repubblika tal-Korea (jiġifieri l-polpa, is-sustanzi kimiċi, il-manodopera, l-enerġija u l-ispejjeż ġenerali tal-fabbrika) miżjuda b'ammont raġonevoli għall-kostijiet tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("SG&A", selling, general and administrative) u b'marġni ta' profitt raġonevoli. Il-listi tal-prezzijiet fis-suq domestiku Korean ma kinux disponibbli fuq is-sit web tal-produttur esportatur Korean ewlieni magħruf. Il-valur normali maħdum stmat kien jikkonsisti minn prezz domestiku mill-fabbrika ta' EUR 2 060 għal kull tunnellata.

3.2.1.1. Prezz tal-esportazzjoni

(32) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produttur esportaturi mir-Repubblika tal-Korea, il-prezz tal-esportazzjoni ġie ddeterminat abbażi tal-prezz CIF tal-Eurostat muri fit-Tabella 3, aġġustat għall-iskontijiet differiti abitwali fis-settur u mbagħad ikkoreġut għal livell mill-fabbrika. Il-prezz CIF tnaqqas bil-kostijiet tat-trasport rilevanti u bil-kostijiet tal-assigurazzjoni fuq l-oċeani abbażi ta' stimi mill-applikanti.

(33) Il-prezz tal-esportazzjoni mill-fabbrika li b'hekk irriżulta għall-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ta' EUR 1 827,70 għal kull tunnellata.

(34) Il-Kummissjoni nnotat li, fl-investigazzjoni oriġinali, madwar 30 % tal-esportazzjonijiet Koreani lejn l-Unjoni nbiegħu permezz ta' kumpanija relatata fl-Unjoni li taġixxi bħala importatur ([7]). Il-Kummissjoni nnotat ukoll li skont l-applikant, ċerti ribassi u skontijiet (eż. ribassi tal-volum) li jseħħu wara d-data tal-importazzjoni huma abitwali fis-settur tal-karta termali ([8]). Meta tqis is-sejba ta' dumping fil-premessa (35) kif ukoll in-natura ta' din l-investigazzjoni tar-rieżami ta' skadenza, li hija ffukata fuq is-sejba ta' jekk id-dumping kompliex matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami jew jekk jistax iseħħ mill-ġdid, aktar milli fuq il-kalkolu ta' marġni tad-dumping eżatt ġdid, il-Kummissjoni ddeċidiet, madankollu, li aġġustamenti għall-prezz tal-esportazzjoni għal volum stmat ta' bejgħ permezz ta' partijiet relatati, f'konformità mal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku, u għal ribassi tal-volum stmati, f'konformità mal-Artikolu 2(10)(c), ma kinux meħtieġa peress li jirriżultaw biss fi tnaqqis tal-prezz tal-esportazzjoni u konsegwentement f'marġni tad-dumping ogħla. Għalhekk, il-prezzijiet tal-esportazzjoni użati huma riżultat ta' approċċ konservattiv.

3.2.1.2. Tqabbil u marġni tad-dumping

(35) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni kif stabbiliti fil-premessi (31)-(33) hawn fuq. Id-differenza bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni espressa bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, kienet ta' 11,4 %. Minħabba li l-prezzijiet tal-esportazzjoni użati huma riżultat ta' approċċ konservattiv, kif spjegat fil-premessa (34), jista' jkun ogħla l-marġni tad-dumping attwali. Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dumping kompla matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

4. **PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TA' DUMPING**

(36) Wara s-sejba tal-eżistenza ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping jekk jitħassru l-miżuri. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin: il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-Repubblika tal-Korea u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni kontra swieq oħrajn.

(37) Bħala konsegwenza tan-nuqqas ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi Koreani, dan l-eżami kien ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli lill-Kummissjoni, jiġifieri l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal rieżami u l-informazzjoni minn sorsi disponibbli oħra, kif innotat fil-premessa (30).

([7]) Il-Premessa (50) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1524.
([8]) Il-punt 95 tat-talba.

4.1. **Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-Repubblika tal-Korea**

(38) Fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, l-uniku produttur esportatur mill-pajjiż ikkonċernat kien Hansol Paper. Skont l-intelliġenza tas-suq, Hansol Paper kien bil-bosta l-akbar produttur tal-prodott taħt rieżami fir-Repubblika tal-Korea. It-talba indikat l-eżistenza ta' produttur ieħor fir-Repubblika tal-Korea, produttur li ma kkooperax ma' dan ir-rieżami ta' skadenza u lanqas mal-investigazzjoni oriġinali b'kapaċità tal-produzzjoni ta' 15 000 tunnellata fis-sena.

(39) Skont is-sors u l-perspettiva, fir-Repubblika tal-Korea, varjat il-kapaċità tal-produzzjoni annwali għad-diviżjoni inkluża l-karta termali tqila. Hija kienet tvarja minn 275 000 tunnellata ([9]) sa 355 000 tunnellata ([10]) fis-sena. Fl-2021, il-produzzjoni tal-karta termali fir-Repubblika tal-Korea kienet tammonta għal madwar 240 000 tunnellata ([11]).

(40) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, filwaqt li l-Kummissjoni ma setgħetx tikkwantifika l-kapaċità ta' riżerva fir-Repubblika tal-Korea għall-prodott taħt rieżami matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, setgħet tistabbilixxi li l-kapaċità tal-produzzjoni hija sinifikanti, peress li hija mill-inqas ħames darbiet akbar mill-konsum domestiku fir-Repubblika tal-Korea. Barra minn hekk, Hansol Paper kien ripetutament ħabbar pubblikament fir-rapporti finanzjarji tiegħu l-intenzjoni tiegħu li jespandi n-negozju tal-karta termali tiegħu. Hansol Paper jista' jespandi l-produzzjoni u l-bejgħ tiegħu tal-karta termali b'diversi mezzi, inkluż billi jbiddel il-kapaċitajiet minn grupp ta' prodotti għal ieħor. Kif innotat minn Hansol Paper innifsu fir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà tal-2024 ta' Hansol Paper ([12]), mingħajr dubju, Hansol Paper għandu faċilitajiet ta' produzzjoni flessibbli. Anki jekk il-kwantifikazzjoni tal-flessibbiltà ma kinitx disponibbli b'mod ċar, il-fatt li dehret fir-rapport jissuġġerixxi li l-flessibbiltà ma kinitx minuri u, b'hekk, vallapena li titħabbar pubblikament. Kwalunkwe espansjoni tal-kapaċità fir-Repubblika tal-Korea tirrappreżenta addizzjoni mal-produzzjoni tal-karta termali Koreana, li diġà kienet tammonta għal aktar minn 200 % tal-konsum annwali tal-karta termali tqila fil-kapaċità tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami (ara t-Tabella 1).

4.2. **Attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(41) Ġie stmat li fl-2026 il-konsum dinji tal-karta termali tqila jilħaq madwar 776 000 tunnellata. Is-suq domestiku tal-karta termali tqila tar-Repubblika tal-Korea huwa żgħir ([13]) (madwar 23 100 tunnellata fl-2021). Anki meta jiġi assunt li l-karta termali tqila tista' tinbiegħ bi prezzijiet għoljin fis-suq domestiku Korean, ma hemm l-ebda indikazzjoni li s-suq domestiku Korean se jikber jew jassorbi b'mod sinifikanti xi kapaċità ta' riżerva.

([9]) Laves Chemie Consulting: Thermal Paper 2021-2026 World Market Study (Studju tal-2021-2026 dwar is-Suq Dinji tal-Karta Termali), l-Anness 10 tat-talba, p. 4. Il-kapaċitajiet jikkonċernaw ir-Repubblika tal-Korea kollha.

([10]) Il-kapaċità maħsuba ta' Hansol Paper ta' kisi termali kif stabbilita fil-premessa (57) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1330 tad-29 ta' Ġunju 2023 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 166, 30.6.2023, p. 76, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1330/oj).

([11]) Laves Chemie Consulting: Thermal Paper 2021-2026 World Market Study, (Studju tal-2021-2026 tas-Suq Dinji tal-Karta Termali) l-Anness 10 tat-talba, it-tabella "Balance of Supply and Demand in Metric Tonnes" (Bilanċ tal-Provvista u d-Domanda f'Tunnellati Metriċi), p. 21.

([12]) Ir-Rapport dwar is-Sostenibbiltà tal-2024 ta' Hansol Paper huwa disponibbli fuq https://www.hansolpaper.co.kr/m/eng/management/data. Il-paġna 11 tar-rapport taqra: "…. Shintanjin Mill... investiment tal-faċilità fl-2018 ħoloq sistema ta' faċilità flessibbli li tista' tipproduċi karta għall-istampar u karta termali...".

([13]) Laves Chemie Consulting: Thermal Paper 2021-2026 World Market Study (Studju tal-2021-2026 dwar is-Suq Dinji tal-Karta Termali), l-Anness 10 tat-talba, it-tabella "Bilanċ tal-Provvista u d-Domanda f'Tunnellati Metriċi", p. 22, stabbilixxa li l-konsum tal-karta termali fil-Korea kien jammonta għal 55 000 tunnellata fl-2021. Il-Kummissjoni qieset 42 % tat-total għar-raġuni li t-tabella "Konsum skont il-Grad u ż-Żona Ġeografika 2021" tal-Laves Chemie Consulting: Thermal Paper 2021-2026 World Market Study (Studju tal-2021-2016 tas-Suq Dinji tal-Karta Termali) (l-Anness 10 tat-talba) stabbilixxa li l-gradi 75/80 gsm u 120 gsm kienu jirrappreżentaw 42 % tal-konsum totali tal-karta termali fil-"bqija tad-dinja", li tinkludi r-Repubblika tal-Korea.

(42) Għalhekk, l-industrija tal-karta termali tqila tal-Korea hija orjentata lejn l-esportazzjoni. L-istatistika dwar l-esportazzjoni Koreana turi li s-swieq ewlenin tal-esportazzjoni għall-karta termali (it-tipi kollha) huma bil-bosta l-Istati Uniti u r-Russja. Fl-Istati Uniti, id-dazji anti-dumping għall-karta termali ta' Hansol Paper reċentement ġew rieżaminati għal 0 % ([14]). F'dan il-kuntest, Hansol Paper ikompli jespandi n-network globali tiegħu u jissolidifa l-preżenza tiegħu bħala manifattur globali tal-karta ([15]).

(43) L-Ewropa u l-Amerka ta' Fuq flimkien kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-konsum totali tal-karta termali tqila. L-eżistenza tal-miżuri anti-dumping fl-Unjoni ma naqqsitx l-attraenza tagħha matul il-perjodu kkunsidrat. Għalkemm kien ikkonfrontat ukoll bix-xejra ġenerali ta' tnaqqis fil-konsum tal-karta (termali), is-suq tal-Unjoni kien l-akbar suq uniku għall-karta termali tqila. Barra minn hekk, l-Unjoni tospita firxa wiesgħa ta' konvertituri tal-karta termali tqila, xi whud jaġixxu globalment, u klijenti b'impenji ta' responsabbiltà soċjali korporattiva u standards oħra li jistgħu jħallsu prezzijiet ogħla minn swieq oħra. Is-suq tal-Unjoni japprezza taħlita ta' prodotti aktar għalja (jiġifieri gradi ħielsa mill-fenol) li ma tinbiegħx f'partijiet oħra tad-dinja. Il-gradi li fihom il-BPA, li huma gradi orħos minn dawk użati fl-Unjoni, huma komuni madwar id-dinja. L-UE, l-Iżvizzera, xi stati tal-Istati Uniti, il-Ġappun u l-Korea t'Isfel biss ipprojbixxew l-użu domestiku tal-gradi li fihom il-BPA.

(44) Minkejja r-rata ta' dazju anti-dumping ta' 15,8 %, il-volumi annwali esportati mir-Repubblika tal-Korea lejn l-Unjoni spiss kienu jaqbżu l-4 000 tunnellata fis-sena, u laħqu s-7 740 tunnellata fl-2023. Dan huwa inqas milli fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, iżda tali volumi għadhom mhux negliġibbli. Barra minn hekk, Hansol Paper għadu jesebixxi f'fieri rilevanti tat-tikketti fl-Unjoni ([16]). L-iżvilupp kontinwu ta' Hansol Paper tan-networks kummerċjali, tar-relazzjonijiet mal-klijenti u tal-kanali ta' distribuzzjoni wera l-kapaċità u r-rieda tiegħu li jżid il-bejgħ u l-penetrazzjoni fis-suq malajr jekk jitħallew jiskadu l-miżuri.

4.3. **Konklużjoni**

(45) L-investigazzjoni wriet li l-miżuri anti-dumping applikabbli ma pprevjenewx fluss kontinwu ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni, għalkemm f'volumi aktar baxxi meta mqabbla mal-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali. Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li, jekk jiskadu l-miżuri, il-prattiki tad-dumping osservati matul l-investigazzjoni tar-rieżami x'aktarx li jkomplu u jintensifikaw bil-ħsieb tal-attraenza tas-suq tal-Unjoni f'termini ta' daqs u pprezzar, anki meta mqabbla ma' destinazzjonijiet potenzjali oħra tal-esportazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li kien hemm probabbiltà kbira ta' kontinwazzjoni tad-dumping jekk jitħallew jiskadu l-miżuri.

5. **DANNU**

5.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(46) Il-prodott simili kien manifatturat minn disa' produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat ([17]): Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(47) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kienet stabbilita għal madwar 158 241 tunnellata. Il-Kummissjoni stabbiliet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli dwar l-industrija tal-Unjoni, jiġifieri t-tweġiba għall-kwestjonarju pprovduta mill-ETPA, kontroverifikata mat-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarji mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Kif indikat fil-premessa (10), fil-kampjun intgħażlu tliet produtturi tal-Unjoni li kienu jirrappreżentaw aktar minn 50 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

([14]) https://www.federalregister.gov/documents/2026/05/08/2026-09132/thermal-paper-from-the-republic-of-korea-final-results-and-rescission-in-part-of-antidumping-duty.

([15]) Paġna 13 tal-Hansol Paper Sustainability Report, (Rapport dwar is-Sostenibbiltà tal-2025 ta' Hansol Paper) disponibbli fuq https://www.hansol.com/eng/resources/document/2025_HansolGroup_SR_En.pdf.

([16]) Esibituri, Lista ta' Kumpaniji f'Labelexpo Europe, Barċellona, Spanja, Settembru 2025.

([17]) Mid-disgħa, xi whud huma produtturi mhux integrati filwaqt li wieħed waqaf jopera fl-2024 minħabba proċedimenti ta' insolvenza.

5.2. **Konsum tal-Unjoni**

(48) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi ta' (i) id-data tat-tweġiba għall-kwestjonarju tal-ETPA li tikkonċerna l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni tal-prodott simili, kontroverifikata mal-volum tal-bejgħ irrapportat mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fit-tweġibiet ivverifikati tagħhom għall-kwestjonarju; u (ii) l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami kif irreġistrati mill-Eurostat.

(49) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (tunnellati)

	2022	2023	2024	PIR
Konsum totali tal-Unjoni	165 045	132 669	143 100	128 075
Indiċi	*100*	*80*	*87*	*78*

Sors: Il-Eurostat, it-tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju.

(50) Il-konsum tal-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat. L-investigazzjoni wriet li l-prodott taħt investigazzjoni kiber ħafna matul il-pandemija tal-COVID-19, fi żmien meta x-xiri online laħaq l-ogħla livell tiegħu. Wara t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19, il-bejgħ bl-imnut online b'tikketti loġistiċi stampati fuq karta termali tqila naqas xi ftit mill-2023.

(51) It-tnaqqis ġenerali fil-konsum tal-Unjoni (-22 %) matul il-perjodu kkunsidrat huwa distort mill-konsum għoli b'mod mhux tas-soltu fl-2022, minħabba domanda li kienet għadha relattivament għolja wara l-COVID-19 u l-istrateġiji għall-bini tal-istokkijiet ta' xi xerrejja wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. Meta jitqabbel il-livell tal-konsum tal-Unjoni tal-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami mal-2023, il-konsum tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli (-2 %).

5.3. **Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat**

5.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(52) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-istatistika tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kien stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni.

(53) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet u sehem mis-suq

	2022	2023	2024	PIR
Volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat (tunnellati)	5 593	7 740	4 402	3 258
Indiċi	*100*	*138*	*79*	*58*
Sehem mis-suq (%)	3,4	5,8	3,1	2,5
Indiċi	*100*	*172*	*91*	*75*

Sors: Il-Eurostat.

(54) Minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ, l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea żammew preżenza mhux negliġibbli fis-suq tal-Unjoni. It-tnaqqis fl-importazzjonijiet jista' jiġi parzjalment attribwit għall-fatt li d-domanda għal ċerti gradi preċedenti tal-karta termali tqila nbidlet għal gradi tal-karta termali ħafifa (b'ħekk issa huma barra mill-ambitu ta' din l-investigazzjoni) bħala riżultat ta' effiċjenzi akbar fil-manifattura tal-karta termali.

(55) Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Koreani varjat matul il-perjodu kkunsidrat. Huwa laħaq 5,8 % fl-2023, sena li fiha żdiedu ħafna l-importazzjonijiet. Is-sehem mis-suq Korean kien jammonta għal 2,5 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

5.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u twaqqigħ tal-prezz*

(56) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi ta' data tal-Eurostat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)

	2022	2023	2024	PIR
Ir-Repubblika tal-Korea	1 931	2 203	2 089	2 036
Indiċi	*100*	*114*	*108*	*105*

Sors: Il-Eurostat.

(57) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni żdiedu matul il-perjodu kkunsidrat b'5 %. Il-prezzijiet tal-importazzjoni laħqu l-ogħla livell fl-2023, f'konformità mal-iżviluppi rilevanti fis-suq tal-karta termali tqila, li huwa pjuttost suq spot f'termini ta'prezzijiet. Fis-suq tal-Unjoni, il-prezzijiet tal-2023 tal-karta termali tqila kienu għoljin b'mod anormali minħabba l-prezzijiet elevati tal-polpa u l-impatt tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja li għaddejja kontra l-Ukrajna, li b'riżultat tagħha żdiedu l-prezzijiet tal-enerġija u l-prezzijiet ta' xi sustanzi kimiċi meħtieġa għall-produzzjoni tal-karta termali. Fit-tieni parti tal-perjodu kkunsidrat, innormalizzaw il-prezzijiet tal-inputs rilevanti.

(58) Tqabbil bejn it-Tabelli 3 u 8 juri li, sena wara sena, il-prezzijiet tal-importazzjoni Koreani kienu taħt il-prezz medju tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fl-Unjoni. Il-Kummissjoni nnotat li t-Tabella 3 ma tqisx l-iskontijiet differiti u ribassi oħra li jseħħu wara l-importazzjoni u li, skont l-informazzjoni fit-talba, huma abitwali fis-settur.

(59) Il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami billi qabblet:

(a) il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat skont id-data tal-Eurostat, inkluż id-dazju anti-dumping, b'aġġustamenti xierqa għall-iskontijiet u r-ribassi differiti abitwali (jiġifieri nieqes EUR 70,75 skont l-istimi tal-applikanti), id-dazji doganali u l-kostijiet ta' wara l-importazzjoni; kif ukoll

(b) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati tat-tipi ta' prodott korrispondenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mitluba mingħand klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustati għal livell mill-fabbrika; Finnuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi Koreani, il-lista ta' tranżazzjoni bi tranżazzjoni tal-produttur esportatur Korean fl-investigazzjoni oriġinali serviet bħala bażi għall-identifikazzjoni tat-tipi ta' prodotti Koreani li jidħlu fis-suq tal-Unjoni.

(60) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Fuq dik il-bażi, l-importazzjonijiet Koreani waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'4 %.

(61) Wara d-divulgazzjoni finali, l-applikanti ddikjaraw li l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz ta' hawn fuq tkopri l-effett tal-prezzijiet tal-importazzjoni parzjalment biss u indikat tnaqqis fil-prezzijiet u soppressjoni tal-prezzijiet. Dik l-analiżi hija inkluża fit-Taqsima 6.1 ta' dan ir-Regolament.

5.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-Repubblika tal-Korea.**

(62) Il-volum (aggregat) tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet ta' karta termali tqila minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2022	2023	2024	PIR
Is-Serbja	Volum (tunnellati)	1 262	1 755	1 674	1 589
	Indiċi	*100*	*139*	*133*	*126*
	Sehem mis-suq (%)	0,8	1,3	1,2	1,2
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	2 393	3 562	3 521	3 534
	Indiċi	*100*	*149*	*147*	*148*
Pajjiżi terzi oħra	Volum (tunnellati)	1 534	3 522	2 060	2 497
	Indiċi	*230*	*134*	*163*	*230*
	Sehem mis-suq (%)	0,9	2,7	1,4	2
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	4 887	2 265	2 850	2 853
	Indiċi	*100*	*46*	*58*	*58*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (tunnellati)	2 795	5 278	3 734	4 086
	Indiċi	*100*	*189*	*134*	*146*
	Sehem mis-suq (%)	1,7	4	2,6	3,2
	Prezz medju (EUR/tunnellata)	3 761	2 696	3 151	3 118
	Indiċi	*100*	*72*	*84*	*83*

Sors: Il-Eurostat.

(63) Varjaw il-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi għajr l-pajjiżi kkonċernati Is-sehem mis-suq tagħhom varja bejn 1,7 % u 4 % matul il-perjodu kkunsidrat u kien ta' 3,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(64) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr il-pajjiż ikkonċernat naqsu matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqgħu sena wara sena ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet medji tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

5.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

5.5.1. *Kummenti ġenerali*

(65) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni inkludiet evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(66) Kif imsemmi fil-premessa (10), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(67) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi ta' data inkluża fit-tweġibiet tal-kwestjonarju mill-ETPA. Din id-data kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-data inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. B'hekk, dik id-data kienet relatata mal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Iż-żewġ settijiet ta' data nstabu li jirrappreżentaw is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(68) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, id-daqs tal-marġni tad-dumping u l-irkupru mid-dumping tal-passat.

(69) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

5.5.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

5.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità

(70) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2022	2023	2024	PIR
Volum tal-produzzjoni (tunnellati)	224 496	157 029	180 402	155 879
Indiċi	*100*	*70*	*80*	*69*
Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati)	248 718	249 857	258 645	251 405
Indiċi	*100*	*100*	*104*	*101*
Użu tal-kapaċità (%)	90	63	70	62
Indiċi	*100*	*70*	*77*	*69*

Sors: Kwestjonarju vverifikat dwar il-makrodata ppreżentat mill-ETPA.

(71) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqas b'31 %, bl-akbar tnaqqis iseħħ bejn l-2022 u l-2023. It-tnaqqis jidher partikolarment għoli minħabba l-livell għoli ħafna ta' produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2022, li kien rispons għall-ogħla livell fil-konsum tal-Unjoni dik is-sena msemmi fit-taqsima 5.2 hawn fuq. Huwa nnotat ukoll li fl-2023 Mitsubishi HiTec Paper Europe GmbH biegħet waħda mill-imtieħen tiegħu. Il-mitħna mibjugħa kienet naqqset il-produzzjoni tal-karta termali tqila iżda fl-aħħar mill-aħħar waqqfet il-produzzjoni kompletament fi tmiem l-2024.

(72) Il-kapaċità tal-produzzjoni żdiedet b'1 % matul il-perjodu kkunsidrat minħabba żviluppi li mhumiex relatati mal-evoluzzjoni tal-konsum. Minbarra l-kwistjoni speċifika tal-mitħna msemmija fil-premessa hawn fuq, l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-produzzjoni kienet influwenzata minn bidliet fl-allokazzjoni tal-kapaċità u investimenti fl-iffrankar tal-kostijiet u żieda fl-effiċjenzi li, flimkien, irriżultaw f'titjib żgħir fil-kapaċità.

(73) It-tnaqqis tar-rata tal-użu tal-kapaċità b'31 % fuq il-perjodu kollu jirrifletti t-tnaqqis fil-volum tal-produzzjoni u jirriżulta minn tnaqqis fl-opportunitajiet/ordnijiet ta' bejgħ. Ir-rata ta' użu tal-kapaċità ta' 62 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami hija baxxa wisq għal negozju intensiv fil-kapital b'kostijiet fissi għoljin.

5.5.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(74) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

	2022	2023	2024	PIR
Volum tal-bejgħ fis-suq tal-Unjoni (tunnellati)	156 657	119 652	134 964	120 730
Indiċi	*100*	*76*	*86*	*77*
Sehem mis-suq (%)	94,9	90,2	94,3	94,3
Indiċi	*100*	*95*	*99*	*99*

Sors: Kwestjonarju tal-makrodata vverifikata ppreżentata mid-data tal-ETPA u tal-Eurostat.

(75) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat f'konformità mat-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni. Madankollu, il-volumi tal-bejgħ naqsu b'4 punti perċentwali aktar mill-konsum tal-Unjoni fl-2023, is-sena li fiha kienu l-ogħla l-importazzjonijiet mill-Korea bi prezzijiet baxxi.

(76) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni baqa' stabbli fil-livell ta' madwar 94 %, ħlief għall-2023, sena li fiha l-importazzjonijiet Koreani (ipprezzati aktar minn 10 % orħos mill-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni) laħqu l-ogħla livell. Fl-2023, il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kien għoli b'mod anormali u tilfet sehem sinifikanti mis-suq minħabba importazzjonijiet Koreani rħas.

5.5.2.3. Tkabbir

(77) Il-volumi tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni naqsu matul il-perjodu kkunsidrat aktar mill-konsum tal-Unjoni. Dan huwa parzjalment minħabba l-kompetizzjoni ħarxa fis-swieq globali kollha.

(78) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni naqas matul il-perjodu kkunsidrat b'mod simili għall-konsum tal-Unjoni. Fl-aħħar parti tal-perjodu kkunsidrat, il-produtturi tal-Unjoni rnexxielhom jiksbu mill-ġdid is-sehem mis-suq mitluf fl-2023 billi biegħu taħt il-kost tal-produzzjoni tagħhom.

5.5.2.4. Impjiegi u produttività

(79) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2022	2023	2024	PIR
Għadd ta' impjegati	1 047	1 055	937	900

	2022	2023	2024	PIR
Indiċi	*100*	*101*	*89*	*86*
Produttività (tunnellata/impjegat)	214	149	193	173
Indiċi	*100*	*69*	*90*	*81*

Sors: Kwestjonarju tal-makrodata vverifikata ppreżentata mill-ETPA.

(80) L-industrija tal-Unjoni naqqset il-forza tax-xogħol tagħha b'14 % matul il-perjodu kkunsidrat bħala riżultat ta' tnaqqis fil-volumi tal-bejgħ u fil-produzzjoni u ta' soppressjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ. L-għeluq tal-mitħna imsemmi fil-premessa (71) u l-proċessi ta' ristrutturar li għaddew minnhom ċerti produtturi tal-Unjoni wasslu għal telf dirett ta' impjiegi. It-Tabella 7 ma tqisx l-impjiegi indiretti mitlufa.

(81) It-tnaqqis fil-produttività matul il-perjodu kkunsidrat isegwi t-tnaqqis fil-produzzjoni tal-Unjoni, għalkemm it-tnaqqis fil-produttività huwa inqas qawwi peress li l-produtturi tal-Unjoni japprezzaw l-impjegati tagħhom u għamlu ħilithom biex jillimitaw is-sensji.

5.5.2.5. Daqs tal-marġni tad-dumping u rkupru minn dumping fil-passat

(82) Il-marġni tad-dumping stabbilit matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ferm ogħla mil-livell de minimis. Fl-istess ħin, il-livell tal-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ma kienx negliġibbli, u kien jirrappreżenta 2,5 % mill-konsum tal-Unjoni. Għalhekk, l-impatt tad-daqs tal-marġnijiet attwali tad-dumping fuq l-industrija tal-Unjoni kien sinifikanti.

(83) L-importazzjonijiet kontinwi bi prezz inġust mill-pajjiż ikkonċernat ipprevjenew lill-industrija tal-Unjoni milli tirkupra mill-prattiki ta' dumping tal-passat.

5.5.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

5.5.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(84) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/tunnellata)

	2022	2023	2024	PIR
Prezz medju tal-bejgħ mill-fabbrika ta' unità fl-Unjoni	2 069	2 295	2 126	2 099
Indiċi	*100*	*111*	*103*	*101*
Kost ta' unità tal-produzzjoni	1 950	2 521	2 138	2 281
Indiċi	*100*	*129*	*110*	*117*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(85) Il-prezzijiet tal-bejgħ żdiedu f'daqqa fl-2023, iżda ż-żieda fil-prezz ma kkumpensatx għaż-żieda fil-kost ta' unità tal-produzzjoni, li kienet ħafna ogħla. Il-prezzijiet tal-bejgħ naqsu fl-2024, f'konformità man-normalizzazzjoni tal-kostijiet tal-inputs ewlenin. Fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-prezzijiet tal-bejgħ kienu kważi fl-istess livell bħal fl-2022 u bilkemm ogħla mill-prezz medju tal-bejgħ ta' unità mill-fabbrika fil-perjodu ta' investigazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali (li varja bejn EUR 2 060 – 2 070 EUR/tunnellata).

(86) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-kost ta' unità tal-produzzjoni żdied bi 17 %. Il-produzzjoni ta' karta termali tqila tinvolvi kostijiet fissi għoljin, u b'hekk tali żieda hija parzjalment dovuta għat-tnaqqis fl-użu tal-kapaċità. Barra minn hekk, il-kostijiet relatati mal-inputs ewlenin (l-enerġija, il-polpa u xi sustanzi kimiċi) żdiedu b'mod ġenerali, partikolarment fl-2023. Il-kost ta' unità tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien ta' EUR 2 281/tunnellata, u b'hekk ogħla b'mod sinifikanti mill-kost ta' unità tal-produzzjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali (li varja bejn EUR 1 880 – EUR 1 890/tunnellata).

5.5.3.2. Kostijiet lavorattivi

(87) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2022	2023	2024	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	79 430	80 024	78 766	79 081
Indiċi	*100*	*101*	*99*	*100*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(88) Il-produtturi tal-Unjoni għamlu ħilithom biex iżommu l-kostijiet lavorattivi taħt kontroll u jikkonformaw bis-sħiħ mal-impenji tagħhom bħala impjegatur. Il-kostijiet lavorattivi medji stabbli għal kull impjegat matul il-perjodu kkunsidrat huma riżultat ta' taħlita ta' fatturi, xi whud iżidu l-kostijiet lavorattivi u xi whud inaqqsuhom. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet f'konformità maż-żidiet annwali fil-kostijiet lavorattivi fil-Ġermanja u fil-Finlandja ([18]). Madankollu, il-kostijiet lavorattivi medji naqsu fil-każ ta' xi produtturi tal-Unjoni bħala riżultat ta' għeluq temporanju u tnaqqis fil-ħin tax-xogħol (bi tnaqqis fil-kostijiet lavorattivi għall-produttur tal-Unjoni).

5.5.3.3. Inventarji

(89) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2022	2023	2024	PIR
Stokks tal-għeluq (tunnellati)	15 432	11 637	13 514	12 992
Indiċi	*100*	*75*	*88*	*84*
Stokks tal-għeluq bħala perċentwali tal-produzzjoni (%)	11,9	13,1	12,6	13,7
Indiċi	*100*	*111*	*107*	*115*

Sors: Tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(90) Minkejja l-isforzi tal-produtturi tal-Unjoni biex inaqqsu l-kapital operatorju, il-livelli tal-istokkijiet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdiedu bi 15 % matul il-perjodu kkunsidrat. L-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni kienu 13,7 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, u għalhekk kemxejn ogħla milli fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali. F'dak iż-żmien, l-istokks tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni varjaw bejn 12 - 13 %.

([18]) https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/SEPDF/cache/3784.pdf.

5.5.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(91) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Profittabbiltà, fluss ta' flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2022	2023	2024	PIR
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	6,9	- 4,9	1,7	- 3,6
Indiċi	*100*	*– 70*	*24*	*– 53*
Fluss tal-flus (EUR)	14 904 866	2 181 396	6 556 833	5 918 599
Indiċi	*100*	*15*	*44*	*40*
Investimenti ([1]) (EUR)	10 000 000 – 12 000 000	14 500 000 – 15 500 000	7 000 000 – 9 000 000	3 000 000 – 4 000 000
Indiċi	*100*	*134*	*74*	*30*
Redditu fuq l-investimenti	30	- 18	3	- 13
Indiċi	*100*	*– 60*	*9*	*– 44*

Sors: tweġibiet ivverifikati għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.
([1]) F'firxiet peress li l-biċċa l-kbira tal-ammonti f'xi snin tikkonċerna produttur wieħed tal-Unjoni.

(92) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwali tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-profitti fl-2022 inbidlu f'telf fl-2023, fl-isfond ta' kost tal-produzzjoni ħafna ogħla li ma setax jiġi mgħoddi lill-klijenti, anki f'kuntest ta' importazzjonijiet sinifikanti bi prezz baxx mill-Korea. It-telf seta' jinżamm taħt kontroll fl-2024 għalkemm deher mill-ġdid fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami peress li mbagħad żdied il-kost ta' unità medju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, għall-kuntrarju tal-prezz medju tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(93) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Ix-xejra fil-fluss tal-flus nett segwiet mill-qrib dik tal-profittabbiltà, l-aktar tnaqqis qawwi fil-fluss tal-flus li seħħfl-2023 u fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(94) L-investimenti naqsu matul il-perjodu kkunsidrat. Produttur wieħed biss tal-Unjoni għamel investimenti kbar fil-perjodu 2022-2024 bil-ħsieb li jiffranka l-kostijiet u jżid l-effiċjenzi. Minbarra dan, il-biċċa l-kbira tal-investimenti kellhom l-għan li jżommu l-kapaċitajiet eżistenti u jissostitwixxu l-assi tal-produzzjoni meħtieġa. Il-produzzjoni tal-karta termali tqila hija industrija intensiva fl-assi u t-titjib u l-investimenti l-oħra qed jiddewmu minħabba l-profittabbiltà fqira.

(95) Ir-redditu fuq l-investimenti huwa l-profitt f'perċentwali tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. B'mod konsistenti mal-profittabbiltà, kien negattiv fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(96) Il-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital kienet tvarja minn produttur tal-Unjoni għal produttur tal-Unjoni. Kienet imfixkla ħafna għal manifattur li kien għaddej minn proċessi ta' ristrutturar.

5.6. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(97) Matul il-perjodu kkunsidrat, id-dannu tal-industrija tal-Unjoni kien materjali u evidenti fir-rigward tal-indikaturi tad-dannu relatati mal-prezzijiet, bħall-profittabilità jew il-fluss tal-flus. L-irkupru osservat fl-2022 twaqqaf minħabba żieda qawwija fil-kost tal-produzzjoni fl-2023 li ma setgħax jiġi mgħoddi lill-klijenti fil-forma ta' żidiet fil-prezzijiet. Peress li mhux il-kostijiet kollha setgħu jiġu rkuprati fl-2023, il-volumi tal-produzzjoni tnaqqsu dik is-sena iżda mbagħad il-bejgħ żdied temporanjament fl-2024, biex imbagħad naqas mill-ġdid fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(98) Il-livelli baxxi ta' profitt li nbidlu f'telf kienu jinvolvu li, b'mod ġenerali, il-livell ta' investimenti tal-industrija tal-Unjoni kien f'livell baxx b'mod dannuż. Dan jirriskja li jirriżulta fl-obsolexxenza tal-assi, fi problemi fil-produzzjoni u f'diffikultà fil-konformità mal-miri ambjentali.

(99) Il-produzzjoni tal-karta termali tqila hija industrija intensiva fl-assi iżda r-rata ta' użu tal-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni baqgħet baxxa minħabba l-opportunitajiet limitati ta' bejgħ f'livelli ta' prezzijiet sostenibbli. Il-bejgħ fl-Unjoni naqas, li b'mod ġenerali rrifletta t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni.

(100) It-tnaqqis wassal għal telf ta' impjiegi f'xi produtturi tal-Unjoni, b'xi whud jesperjenzaw diffikultà fil-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw il-kapital.

(101) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

6. **KAWŻALITÀ**

(102) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet li huma oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat ikkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. F'konformità mal-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħra setgħux fl-istess ħin ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni.

6.1. **Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping**

(103) Kif spjegat fit-Taqsima 5.3 hawn fuq, minkejja l-miżuri anti-dumping, l-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Korea żammew preżenza fis-suq tal-Unjoni, b'sehem mis-suq ta' 2,5 % matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. Barra minn hekk, matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-importazzjoni Koreani kienu taħt il-prezz medju tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fl-Unjoni u l-investigazzjoni wriet twaqqigħ tal-prezz ta' 4 %.

(104) Tqabbil bejn il-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni u l-kostijiet tal-produzzjoni tagħha wera li l-kostijiet żdiedu b'rata ferm aktar mgħaġġla mill-prezzijiet. Fl-2023, kif innotat fit-Taqsima 5.5.3.1 hawn fuq, il-produtturi tal-Unjoni kienu kkonfrontati b'kostijiet li kienu qed jiżdiedu ta' inputs ewlenin bħall-enerġija u l-polpa. Dik is-sena, kif spjegat fit-Taqsima 5.5.2.1, mitħna waħda fl-Unjoni kienet naqqset l-operazzjonijiet qabel ma nbieġħet. Fl-2023, il-karta termali tqila Koreana, li ma kinitx soġġetta għall-istess kostijiet tal-enerġija u tal-polpa li kienu qed jogħlew bħall-produtturi tal-Unjoni, ibbenefikat mill-ispazju li ħalliet il-mitħna mibjugħa tal-Unjoni u żiedet malajr il-preżenza tagħha fis-suq tal-Unjoni (ara t-Tabella 2) bi prezzijiet ta' EUR 318/tunnellata aktar baxxi mill-kost ta' unità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni (ara t-Tabella 8). B'riżultat ta' dan, l-industrija tal-Unjoni spiċċat tagħmel it-telf (ara t-Tabella 11). Iż-żieda rapida fl-importazzjonijiet Koreani fl-2023 ħolqot pressjoni fuq il-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni, minkejja li l-volumi ġenerali ta' dawk l-importazzjonijiet kienu għadhom ferm taħt il-volumi tal-importazzjoni Koreani osservati fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali.

(105) Is-sehem mis-suq sostnut tal-importazzjonijiet bi prezzijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea matul il-perjodu kkunsidrat poġġiet lill-industrija tal-Unjoni taħt pressjoni tal-prezzijiet li qed tikber. Is-soppressjoni tal-prezzijiet konsekwenti hija kawża diretta tad-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami. L-inabbiltà tal-industrija tal-Unjoni li żżid il-prezzijiet b'mod suffiċjenti biex tirkupra l-kostijiet tal-produzzjoni kienet attribwibbli għal importazzjonijiet Koreani bi prezz baxx, li altrimenti jaqbdu ishma dejjem akbar mis-suq. F'dak ir-rigward, huwa mfakkar li l-industrija tal-karta termali hija industrija intensiva fil-kapital ikkaratterizzata minn kostijiet fissi għoljin. Iż-żamma tas-sehem mis-suq hija għaldaqstant ta' importanza kbira għall-produtturi tal-Unjoni.

6.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

6.2.1. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi*

(106) Matul il-perjodu kkunsidrat il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppa kif muri fit-Tabella 4. L-importazzjonijiet tal-karta termali tqila minn pajjiżi terzi għajr ir-Repubblika tal-Korea kienu prinċipalment mis-Serbja, pajjiż mingħajr manifattur integrat magħruf tal-karta termali tqila.

(107) Kif innotat fit-Taqsima 5.4 hawn fuq, is-sehem mis-suq tal-volumi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi għajr il-pajjiż ikkonċernat qatt ma kien ogħla minn 4 % matul il-perjodu kkunsidrat u kien ta' 3,2 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(108) Il-prezzijiet medji tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr il-pajjiż ikkonċernat naqsu matul il-perjodu kkunsidrat iżda baqgħu sena wara sena ogħla b'mod sinifikanti mill-prezzijiet medji tal-importazzjoni għall-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat u ogħla mill-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni.

6.2.2. *Tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni*

(109) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tal-Unjoni naqas bi 22 %. Minkejja dan, u kif imsemmi fil-premessa (51), bejn l-2023 u l-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami, il-konsum tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli. Madankollu, l-investigazzjoni sabet li t-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni kkawża dannu lill-industrija tal-Unjoni. Huwa nnotat li fl-investigazzjoni oriġinali, il-livell ta' konsum fl-Unjoni kien ogħla milli f'din l-investigazzjoni ([19]). Madankollu, is-sitwazzjoni tvarja skont l-applikazzjoni tal-prodott taħt rieżami (bl-applikazzjonijiet tal-barcodes/tat-tikketti mingħajr linji u tal-kummerċ elettroniku għadhom qed jikbru, għall-kuntrarju, pereżempju, tar-rendikonti bankarji).

(110) It-tnaqqis fid-domanda naqqas il-produttività u l-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. It-tnaqqis wassal għal telf ta' impjiegi f'diversi produtturi tal-Unjoni, b'xi wħud jesperjenzaw diffikultajiet fil-kapaċità tagħhom li jiġġeneraw il-kapital.

6.2.3. *Żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni*

(111) Il-produzzjoni tal-karta termali tqila hija industrija intensiva fl-assi, iżda l-produzzjoni ġiet issagrifikata minħabba l-opportunitajiet limitati ta' bejgħ f'livelli ta' prezzijiet sostenibbli. Kif muri fit-Tabella 8, l-industrija tal-Unjoni kienet ikkonfrontata minn żieda qawwija ħafna fil-kost ta' unità tal-produzzjoni, marbuta ma' kostijiet tal-enerġija u tal-inputs ewlenin li qed jogħlew. It-telf li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami kien dovut għall-impossibbiltà li żżid il-prezzijiet tal-bejgħ meta żdiedu l-kostijiet. It-telf seħħ f'kuntest ta' kompetizzjoni sinifikanti fis-suq tal-Unjoni (li fih il-produtturi tal-Unjoni huma fost l-atturi ewlenin) u ġie intensifikat mill-kapaċità żejda globali.

6.3. **Konklużjoni dwar il-kawżalità**

(112) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sabet li filwaqt li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea kkawżaw xi dannu lill-industrija tal-Unjoni, it-tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni u ż-żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni matul il-perjodu kkunsidrat ikkawżaw ukoll dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Madankollu, il-Kummissjoni kkonkludiet li dawk il-fatturi, individwalment jew kollettivament, ma naqqsux ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Koreani u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

(113) Fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni ddeċidiet li tivvaluta ulterjorment, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, jekk ikunx hemm probabbiltà ta' rikorrenza tad-dannu oriġinarjament ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea li kieku jitħallew jiskadu l-miżuri kontra tali importazzjonijiet.

([19]) Fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali, il-konsum tal-Unjoni varja bejn 180 000 – 186 000 tunnellata, kif muri fit-Tabella 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/705 tas-26 ta' Mejju 2020 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea (ĠU L 164, 27.5.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/705/oj).

7. PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TAD-DANNU

(114) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe parti fir-Repubblika tal-Korea, il-Kummissjoni bbażat fuq l-informazzjoni disponibbli fil-fajl. Hija eżaminat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fil-pajjiż ikkonċernat, l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u l-impatt tal-volum potenzjali tal-importazzjoni u l-prezzijiet tal-importazzjoni fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jekk jitħallew jiskadu l-miżuri.

7.1. Kapaċità tal-produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-Repubblika tal-Korea

(115) Kif deskritt fil-premessi (39)-(40), Hansol Paper għandu l-kapaċità li jżid l-allokazzjoni tiegħu tal-kapaċità tal-produzzjoni biex jibbenefika l-produzzjoni ta' karta termali tqila. Fil-fatt, ir-rapport dwar is-sostenibbiltà ta' Hansol Paper innota l-possibbiltà ta' kapaċitajiet varjanti li jippermettu l-produzzjoni ta' tipi differenti ta' karta skont is-sitwazzjoni tas-suq. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-produzzjoni fil-Korea hija sinifikanti, peress li hija mill-inqas darbtejn akbar mill-konsum tal-Unjoni u diversi drabi ogħla mill-konsum domestiku fil-pajjiż ikkonċernat.

7.2. Attraenza tas-suq tal-Unjoni

(116) Kif deskritt fil-premessa (43), is-suq tal-Unjoni huwa l-akbar suq għall-karta termali tqila fid-dinja u attraenti f'termini ta' prezz, anki jekk l-istatistika dwar l-esportazzjoni Koreana wriet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami d-destinazzjoni ewlenija tal-esportazzjoni għall-importazzjonijiet Koreani kienet l-Istati Uniti tal-Amerka, suq li għalih l-aċċessibbiltà tjiebet għall-partijiet Koreani wara l-aħħar rieżami tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ.

(117) Barra minn hekk, kif muri fit-tabelli 2 u 3, matul il-perjodu kkunsidrat, il-volumi tal-importazzjoni mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni ma kinux negliġibbli, filwaqt li l-prezzijiet tal-importazzjoni naqsu mill-2023. Dawn il-prezzijiet tal-importazzjoni huma aktar baxxi minn dawk tal-industrija tal-Unjoni. Fil-fatt, l-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz imwettqa mill-Kummissjoni fil-premessi (59)-(60) uriet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz ta' 17,1 % fil-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami meta jiġu esklużi d-dazji anti-dumping. Dan juri li, jekk jitħallew jiskadu l-miżuri, l-importazzjonijiet Koreani jikkawżaw pressjoni fuq il-prezzijiet fuq l-industrija tal-Unjoni li mbagħad titlef il-volumi tal-bejgħ u/jew tkun obbligata tbaxxi l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha, bl-impatt negattiv konsegwenti fuq il-profittabbiltà.

7.3. Konklużjoni

(118) Abbażi ta' dan, ġie konkluż li n-nuqqas ta' miżuri x'aktarx li jirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea bi prezzijiet dannużi u li x'aktarx iseħħ mill-ġdid dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea.

8. INTERESS TAL-UNJONI

(119) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tal-interessi varji kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija, l-importaturi u l-utenti tal-Unjoni.

8.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

(120) Il-membri tal-ETPA, li kienu jirrappreżentaw aktar minn 75 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott taħt rieżami, appoġġaw l-ilment u kkooperaw fl-investigazzjoni. Produtturi oħra tal-Unjoni baqgħu siekta.

(121) Iż-żamma tal-miżuri fis-seħħ tista' tissalvagwardja l-impjiegi, tippromwovi investimenti akbar u ttejjeb il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni għal livelli meqjusa normali għal din l-industrija intensiva fil-kapital.

(122) Iż-żamma tal-miżuri tgħin biex jerġa' jkun hemm kundizzjonijiet ekwi fl-Unjoni u tibgħat sinjal li l-kummerċ ħieles irid iseħħ f'kundizzjonijiet kompetittivi u ġusti.

(123) Fin-nuqqas ta' miżuri, l-industrija tal-Unjoni tkun kompletament mhux protetta mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-Repubblika tal-Korea, is-sitwazzjoni finanzjarja tagħha tmur għall-agħar u jistgħu jiġu kompromessi l-vijabbiltà u l-prospetti tagħha.

(124) Għalhekk il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żamma ta' dazji anti-dumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

8.2. **Interess ta' importaturi mhux relatati**

(125) L-ebda importatur ma ppreżenta ruħu u lanqas ma kkoopera fl-investigazzjoni.

(126) Fl-investigazzjoni oriġinali, kien hemm kooperazzjoni minn importatur wieħed li ma esprimiex il-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tal-miżuri. Fl-investigazzjoni oriġinali, ġie konkluż li d-dazji ma jagħmlux ħsara lill-importatur inkwistjoni.

(127) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa meqjus li l-estensjoni tad-dazji mhux se jkollha effett negattiv fuq l-importaturi sal-punt li tisboq l-effetti pożittivi tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni.

8.3. **Interess tal-utenti**

(128) L-ebda utent ma ppreżenta ruħu jew ikkoopera fl-investigazzjoni.

(129) Fl-investigazzjoni oriġinali, ippreżentaw ruħhom ħames utenti, li minnhom wieħed issottometta tweġiba għall-kwestjonarju. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli, ġie konkluż li kwalunkwe effett negattiv li jirriżulta mill-impożizzjoni tad-dazji fuq l-utenti ma jisboqx l-effetti pożittivi tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni.

(130) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa meqjus li l-estensjoni tad-dazji mhux se jkollha effett negattiv fuq l-utenti sal-punt li tisboq l-effetti pożittivi tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni.

8.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(131) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea.

9. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(132) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet milħuqa mill-Kummissjoni dwar il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dumping, il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri anti-dumping fuq ċerta karta termali tqila li toriġina mir-Repubblika tal-Korea jenħtieġ li jinżammu.

(133) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([20]) meta jkollu jiġi rimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li jrid jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(134) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036,

([20]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju anti-dumping definittiv qed jiġi impost fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta termali tqila, definita bħala karta termali li tiżen aktar minn 65 g/m²; li tinbiegħ f'rombli b'wisa' ta' 20 cm jew aktar, li jiżnu 50 kg jew aktar (inkluż l-karta) u b'dijametru ta' 40 cm jew aktar (rombli jumbo); b'kisja fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat jew mingħajr kisja; miksija b'sustanza termosensittiva (jiġifieri taħlita ta' kolorant u żviluppatur li tirreaġixxi u tifforma immaġni meta tiġi applikata s-sħana) fuq naħa waħda jew fuq iż-żewġ naħat; u b'kisja ta' fuq jew mingħajrha, li toriġina fir-Repubblika tal-Korea, li bħalissa taqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 4809 90 00, ex 4811 59 00 u ex 4811 90 00 (kodiċijiet TARIC 4809 90 00 20, 4811 59 00 20 u 4811 90 00 20).

2. Ir-rata ta' dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandha tkun ta' 15,8 %.

3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN